Poeżiji ta'
JANE CORTIS

# Irjieħ

X'inhu
li rikeb l-irjieħ il-lejla?
Min
qiegħed jagħżaq bl-istaffi tal-ġenn
ġo ruħ imċarrta
tkarwat maħruba
ilment li jreżżaħ
jinġazza d-demm?

X'inhu
li jsuqkom il-lejla?
x'qilla?
x'setgħa li tjassar bis-swat
kaxkritni
għammditni
ġarritni
ippnotizzata minn nifskom ħakkiemi
jaqta'
u jniggeż bħal blat?

U issa, fis-seħer,
inħossni xejn inqas minn ċentawr
ilebbet 'il fuq, 'il fuq,
fil-mistiku ta' l-Apokalissi;
Jew
l-Anġlu li jsuq ix-xafra tnixxi d-dmija
lil hinn
lejn piramidi jidwu fid-daħna għanbrija
bl-ispirti misruqa
li darba raw id-demm ifur
u jġelben daqs in-Nil
f'triqat ramlija.

**25/2/73**

— o —